ID-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2218

tat-22 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE fir-rigward tal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi sottomessi mir-Renju Unit u d-Dipendenzi tal-Kuruna

(notifikata bid-dokument C(2020) 9556)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE [1], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw annimali u prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jissottomettu pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Il-pjanijiet jenħtieġ li għallanqas ikopru l-gruppi ta' residwi u sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [2] tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar l-annimali u l-prodotti tal-annimali, elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Ir-Renju Unit ipprovda l-garanziji neċessarji meħtieġa mid-Deċiżjoni 2011/163/UE sabiex ir-Renju Unit u d-Dipendenzi tal-Kuruna ta' Guernsey, Isle of Man u Jersey jiġu elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-Ftehim dwar il-ħruġ), mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll. Filwaqt li jitqiesu l-garanziji pprovduti mir-Renju Unit, dak il-pajjiż terz u d-Dipendenzi tal-Kuruna jenħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE.

(4) Għalhekk, l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan.

(5) Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni previst fil-Ftehim dwar il-ħruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni
Stella KYRIAKIDES
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiddaħħlu bejn l-entrati għall-Gżejjer Faeroe u l-Ghana:

"GB	Ir-Renju Unit *	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
GG	Guernsey	X						X					

* F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq."

(2) l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrati għall-Iżrael u l-Indja:

"IM	Isle of Man	X	X	X			X	X					X"

(3) l-entrata li ġejja tiddaħħal wara l-entrati għall-Iran u l-Ġamajka:

"JE	Jersey	X						X"					